

Rikors ippreżentat fit-13 ta' Lulju 2018 – Vans vs EUIPO (ULTRARANGE)**(Kawża T-434/18)**

(2018/C 301/60)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Vans, Inc. (Costa Mesa, California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: M. Hirsch u M. Metzner, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

Trade mark kontenzjuża kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni ULTRARANGE – Applikazzjoni Nru 16 665 663

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' April 2018 fil-Każ R 2544/2017-2

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

Motiv invokat

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

Rikors ippreżentat fit-18 ta' Lulju 2018 – TUIfly vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-447/18)**

(2018/C 301/61)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: TUIfly GmbH (Langenhagen, il-Ġermanja) (rappreżentanti: L. Giesberts u M. Gayger, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla l-Artikoli 7 u 8 kif ukoll l-Artikoli 9, 10 u 11, sa fejn dawn tal-aħħar jirrigwardaw l-Artikoli 7 u 8 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/628 tal-11 ta' Novembru 2016 dwar l-Għajnuna mill-Istat SA.24221(2011/C) (ex 2011/NN) implimentata mill-Awstrija għall-ajruport ta' Klagenfurt, għal Ryanair u linji tal-ajru oħrajn li jużaw l-ajruport (ĠU 2018 L 107, p. 1);
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.